MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 401/2010

Kawza fil-lista: 83

**A B**
**vs**
**R B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hija zzewget lill-intimat fit-15 ta' Lulju 2006 u fit-2 ta' Jannar 2007 twieldet tifla ; li f'inqas minn sena wara, inizjaw proceduri ghas-separazzjoni u issepparaw *de jure* fit- 8 ta' Ottubru 2008 ; li l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat minhabba : a) difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, *ai termini* ta' Artikolu 19.1.(d), tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ; b) l-esekuzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed

jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dana ai termini ta' Artikolu 19.1.(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ; u billi l-kontendenti ghalkemm mhux interdetti jew morda, minn mohhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanea setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana ai termini tal-Artilkolu 19.1.(h), tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-attrici qed titlob lill din l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi dan z-zwieg huwa null u bla effett fil-ligi u dan ai termini tal-Artikoli 19(1)(d),(f) u (h) tal -Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg su riferit ; bl-ispejjez.

Rat in-nota guramentata tal-konvenut fejn ikkonferma li gie notifikat bir-rikors gurmamentat fejn l-attrici talbet annulament taz-zwieg kontrattat bejniethom u bin-nota tal-attrici inkluz l-affidavits.

Rat li l-konvenut baqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-15 ta' Lulju 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-artikoli fuq imsemmija.

**Il-Fatti**
Mill-affidavits jirrizulta' li l-attrici, li hija mill-Bulgarija, kienet giet Malta biex tirresjedi mal-genituri taghha u sadanittant tkompli tistudja l-Universita ta' Malta. Hija ltaqghet mal-konvenut fis-sena 2006 u wara xaghrejn harget tqila u din l-ahbar inkwetata hafna, l-aktar kif kienet ser tghid lil genituri taghha li kienu stretti hafna fuqha u wkoll u 'l aktar ghax hasset li ghalkemm kellha 22 sena ma kienitx lesta li

tkun omm u r-responsabilita’ ta’ omm bezghet minnha. Kienet hasset li lill-konvenut ma kienitx tafu sewwa biex tikrea familja mieghu – fil-fatt qatt ma kienet iltaqghet ma’ xi membru tal-familja tieghu.

Ghall-bidu il-genituri haduha bi kbira din l-ahbar tat-tqala u ma setghux jaccettaw kif l-attrici allavolja tqila ma riedtx tizzewweg. Is-sitwazzjoni ikkalmat biss meta l-attrici iddecidiet li tizzewweg, u allura gie deciz li jsehh iz-zwieg kemm jista jkun malajr u jinzamm kollox mistur.

Wara z-zwieg, skont ma ried il-konvenut, marru jirresjedu mal-genituri tieghu u l-hajja matrimonjali ghall-attrici ma kienitx wahda facli peress li kella tibda tifhem lil zewgha ukoll peress li sabet ruha f’kultura differenti. Il-konvenut naqas milli jaghtiha s-support tieghu bhala zewgha u bhala missier it-tarbija li twieldet. Kien jahdem b’*night shifts* u meta kien ikun *off* kien jghaddi z-zmien jilghab bil-*Play Station*; bir-rizulta li l-partijiet kienu jillitigaw hafna, u l-attrici kienet talbet kemm-il darba biex imorru joqghodu ghar-rashom. L-attrici tghid li kienet thossa dejjem wahedha u *depressed.*

Il-konvivenza matrimonjali damet biss 9 xhur ghax gurnata wahda wara argument shun, l-attrici qabdet it-tarbija u marret ghand il-genituri taghha. Illum il-konvenut ihallas il-manteniment permezz ta’ *standing order* u ma tantx ihabbel rasu biex jara t-tifla, lanqas biss fil-Milied, – it-tifla fil-fatt lanqas biss taf lilu jew lil familja tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-affidavits prodotti mix-xhieda f’ dan il-kaz, il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-artikolu precitat, *stante* li kienu il-genituri tal-attrici li ddeciedu li z-zwieg ghandu jsehh u dan peress li binthom l-attrici, li kienet xebba, kienet inqabdet tqila ; il-genituri kienu jipprattikaw ir-religjon Ortodossa, u ghalihom ma kienx permess li tfal jitwieldu barra z-zwieg.

L-attrici, kienet fjakka u biex ma tweggax lil-genituri taghha, cediet ghall-pressjoni taghhom ; qabdet u hadet

id-decizjoni li tizzewweg mill-aktar fiss biex hadd ma jinduna u minghajr hafna cerimonji ; cediet ukoll ghall-insistenza min-naha tal-konvenut, zewgha, biex wara z-zwieg tirresjedi mal-familja tieghu.

Inoltre, l-attrici kellha tiffaccja l-problemi ohra hekk kif sabet ruha tghix wara z-zwieg, mhux biss mar-ragel taghha li ma kelliex zmien issir tafu bizzejjed u li abbandunha wara z-zwieg, imma wkoll mall-familjari tieghu peress li marru jabbitaw maghhom.

Min-naha tieghu anke l-konvenut wera li ma kienx ippreparat ghal hajja mizzewwga, u l-mod egojist kif gab ruhu fil-konfront ta' martu, juri li kien inkapaci jaqdi l-obbligu tieghu, bhala ragel mizzewweg, tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Lulju 2006.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------